**19 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Marcel Casolani *noe*

*versus*

Francis Stivala *et noe*

## Petizzjoni ta' Appell - Nuqqas ta' Notifika - Deżerzjoni - Pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern

*Skond il-liġi jekk l-atti ma jingħalqux fi żmien sena minn mindu jkunu daħlu l-appell imur deżert* ope legis *skond l-artikolu 963 tal-Kapitolu 12.*

*Jekk wieħed iħares lejn is-subartikolu ta' l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 isib li r-rimedju tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern huwa konċepit fi sforz li l-Liġi tagħmel biex kemm jista' jkun il-proċeduri*

*ġudizzjarji ma jiġux intralċjati u biex il-ġustizzja ssir fi żmien effettiv. Il-Liġi pero' tipprova tassigura li dan ma jsirx a skapitu ta' l-istess ġustizzja.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ deċiża fil-25 ta' Mejju, 1992 li minnha sar dan l-appell li hija hekk:

*Omissis*;

Rat in-Nota ta' l-Appell u l-Petizzjoni ta' l-Appell ta' Francis Stivala *nomine et nomine* li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata in kwantu kkundannathom iħallsu s-somma ta' ħamest elef, mitejn u għaxar liri maltin u għoxrin ċenteżmu (Lm5,210.20c) u minflok tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu biss is-somma ta' elf disa' u tletin lira maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,039.34c) u tirrevoka s-sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenuti *nomine* jħallsu proporzjon ta' l-ispejjeż ta' din il-proċedura inkluż nofs id-dritt tal-perit tekniku u minflok tikkundanna lill-attur *nomine* appellat iħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta ta' l-Appell ta' l-attur appellat li permezz tagħha jeċċepixxi fl-ewwel lok li l-appell interpost mill-konvenuti *nomine* huwa deżert fit-termini ta' l-artikolu 963(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Billi l-Petizzjoni ta' l-Appell ġiet ippreżentata fis-17 ta' Ġunju, 1982 u ġiet innotifikata lilu ċjoe` lill-appellat *nomine* f'Ġunju, 1993 ċjoe` ben oltre s-sena prevista miċ-ċitat artikolu. Preċedentement, l-istess petizzjoni ta' l-appell kienet ġiet allegatament innotifikata permezz tal-proċedura tal-

Pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, liema notifika hija nulla għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, fl-estratt ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, kif jirriżulta mill-Atti proċesswali, ma hemmx indikazzjoni ta' l-okkju sħiħ tal-kawża u kwindi l-appellat ma setax jinduna li l-estratt ippubblikat kien jirreferi għalih. It-tieni lok, fid-digriet ta' din il-Qorti awtorizzanti n-notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, kien impost l-obbligu fuq l-appellanti li jagħmel pubblikazzjoni f'żewġ ġurnali lokali, liema pubblikazzjonijiet ma sarux. Għalhekk in-notifika permezz tal-publikazzjoni bil-mod kif saret hija nulla u n-notifika valida hija dik biss li saret f'Ġunju ta' l-1994;

Fil-meritu, l-appellant issottometta li s-sentenza appellata hija inġusta wkoll fil-konfront tiegħu u effettivament huwa pprevalixxa ruħu mill-appell interpost mill-konvenuti u interpona appell inċidentali minnha u talab li fl-ewwel lok din il-Qorti jogħġobha tiddikjara deżert l-appell tal-konvenuti *nomine* u sussidjarjament f'każ li ma tilqax din it-talba, tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti *nomine* u fl-istess ħin tilqa' l-appell inċidentali tiegħu billi tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-Ewwel Qorti u minflok tikkundanna lill-konvenuti *nomine* iħallsu s-somma ta' għaxart elef, tliet mija u ħamsin lira maltija u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm10,350.82c) u tirrevoka l-istess sentenza appellata inkwantu kkundannat lill-attur *nomine* iħallas porzjon ta' spejjeż tal-kawża inkluż nofs id-dritt tal-perit tekniku u minflok tikkundanna lill-konvenuti *nomine* iħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata biss għall-kwistjoni ta' nullita` o meno ta' dan l-appell fis-sens ta' l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellat u ċjoe` ser jiġi deċiż biss permezz ta' din is-sentenza jekk l-appell marx definittivament deżert għeluq is-sena minn mindu saret il-petizzjoni;

Ikkunsidrat:

Hu appena neċessarju jingħad li skond il-liġi jekk l-atti ma jingħalqux fi żmien sena minn mindu jkunu daħlu, l-appell imur deżert *ope legis* skond l-artikolu 963 tal-Kapitolu 12. F'dan il-każ partikolari, l-atti ta' dan l-appell daħlu fis-17 ta' Ġunju, 1992 li hija d-data tal-preżentata tal-petizzjoni u għalhekk kellhom jingħalqu sa sena wara;

Mill-atti proċesswali annessi mal-petizzjoni ta' l-appell jidher li sar tentattiv fit-23 ta' Ġunju, 1992 ċjoe` ftit wara li saret il-petizzjoni biex Marcel Casolani jiġi nnotifikat biha, liema tentattiv pero` ma rnexxiex peress li skond ir-riferta relattiva li hemm a fol. 241 l-istess Marcel Casolani kien *moved*. Imbagħad fuq l-istess faċċatta hemm riferta oħra li ġġib id-data tas-6 ta' Ġunju, 1994 jiġifieri ben oltre s-sena li l-liġi tikkonċedi biex jingħalqu l-atti u li minnha jirriżulta li l-istess Marcel Casolani ġie nnotifikat b'petizzjoni u bl-avviż ta' l-appell;

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali li fit-8 ta' Lulju, 1992, jiġifieri wara li Marcel Casolani ma kienx ġie nnotifikat bil-Petizzjoni ta' l-Appell, l-appellanti kienu ppreżentaw rikors li bih wara li ppremettew li l-Petizzjoni tagħhom ma ġietx innotifikata

lill-attur appellat billi mir-riferta relattiva li rriżulta li l-istess appellat m'għadux joqgħod fl-indirizz minnu mogħti u li huma m'għandhomx indirizz ieħor tiegħu u m'għandhomx għaliex jaħsbu li l-istess appellat mhux f'Malta u għandhom l-interess li l-Petizzjoni relattiva tiġi nnotifikata, talbu lil din il-Qorti biex tordna li n-Notifika tal-Petizzjoni ta' l-Appell issir permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 187 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din il-Qorti, permezz ta' digriet li jġib id-data ta' l-4 ta' Awissu, 192 kienet laqgħet it-talba ta' l-appellanti b'dan illi "għandu jsir ukoll avviż f'żewġ ġurnali f'dati konsekuttivi";

Jirriżulta illi l-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, numru 15657 tat-Tlieta, 29 ta' Settembru, 1992 ġie pubblikat avviż taħt il-firma ta' E. Grech, A/Reġistratur, li t-test Malti jaqra kif ġej:

"Ikun jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-4 ta' Awissu, 1992 il-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12);

Francis Stivala u t-tabib George Depasquale, bħala diretturi in rappresentanza ta' Owl Services Limited interponew appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Mejju, 1992 fejn talbu li l-Qorti ta' l-Appell tvarja s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-konvenuti *nomine* jħallsu s-somma ta' ħamest elef mitejn u għaxar liri maltin u għoxrin ċenteżmu (Lm5,210.20c) u minflok tikkundanna lill-konvenuti jħallsu biss is-somma ta' elf u disa' u tletin lira maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,039.34c) u tirrevoka s-sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenuti *nomine* iħallsu proporzjon ta' l-ispejjeż ta' dina l-proċedura, inkluż nofs id-

dritt tal-perit tekniku u minflok tikkundana lill-attur *nomine* appellat iħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi";

L-appellat jissottometti fl-ewwel lok illi minn din il-pubblikazzjoni ma setax jinduna li dan l-appell kien dirett fil-konfront tiegħu peress li huwa mkien ma ssemma u hemm mankanza assoluta ta' l-okkju tal-kawża u fit-tieni lok illi għalkemm din il-Qorti ordnat ukoll bid-digriet tagħha ta' l-4 ta' Awissu, illi jkun hemm ukoll avviż f'żewġ ġurnali f'dati konsekuttivi, dana minn imkien ma jirriżulta li sar;

Abbażi ta' dan huwa jissottometti illi ma jistax jingħad li saret in-notifika skond il-liġi u li għalhekk, ma jistax jingħad li l-atti ngħalqu fi żmien perentorju li tipprefiġġi l-liġi;

L-appellanti, min-naħa tagħhom, jissottomettu fil-pubblikazzjoni li kien hemm fil-Gazzetta tal-Gvern imsemmija, ma kien hemm l-ebda qerq li seta' jiżvija lill-appellat u l-pubblikazzjoni kienet tinkludi biżżejjed informazzjoni sabiex twassal lill-qarrej biex jifhem liema appell qed jiġi nnotifikat u li żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li jippenalizza l-appellant bl-iżbalji tar-Reġistratur iżda kienet biss li tippenalizza lil min ma jiħux kura ta' l-interessi tiegħu;

Din il-Qorti tosserva dan li ġej. Fl-ewwel lok jekk wieħed iħares lejn is-subartikolu ta' l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 isib li r-rimedju tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern huwa kkonċepit fi sforz li l-liġi tagħmel biex kemm jista' jkun il-proċeduri ġudizzjarji ma jiġux intralċjati u biex il-ġustizzja ssir fi żmien effettiv. Il-Liġi pero' tipprova tassigura li dan ma jsirx a skapitu ta' l-istess ġustizzja u nfatti meta titkellem fuq il-pubblikazzjoni fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern, l-istess liġi tgħid ukoll illi "Il-Qorti tista' tagħti wkoll

kull provvediment ieħor li bih jidhrilha li l-iskrittura tista' tiġi mgħarrfa lill-persuna li lilha għandha tiġi nnotifikata";

Din il-Qorti, għalkemm tipprova kemm jista' jkun tevita formaliżmu żejjed, fl-istess ħin ma tistax tiftaħ il-bibien talment illi ġġib fix-xejn il-miżuri minimi u neċessarji li l-liġi timponi f'isem il-ġustizzja. Din il-Qorti, per eżempju, għalkemm ma tridx tkun formalistika żżejjed, ma tistax taċċetta illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan il-każ partikolari, tgħaddi bħallikieku m'hu xejn u tiġi mogħtija barka mill-istess Qrati allavolja fiha hemm mankanti forsi l-iktar ħaġa fodamentali u li jista' kien hemm u ċjoe` n-numru taċ-ċitazzjoni u l-okkju tal-kawża. Jekk din il-Qorti tippermetti laxkezza bħal din, tkun qiegħda tagħmel disservizz lis-sistema proċedurali u legali tagħna kif ukoll lill-istess ġustizzja;

Ma' dan jiżdied ukoll illi effettivament ikkonsidrat illi l-publikazzjoni saret fid-29 ta' Settembru, 1992 u għalhekk kien jonqos prattikament 9 xhur sakemm jiskadi l-perijodu ta' sena biex jingħalqu l-atti, f'liema perijodu ċertament b'daqsxejn attenzjoni, l-appellant seta' nduna illi kien hemm din il-mankanza fil-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern u *cio nonostante* baqa' ma għamel xejn, għandu jkollu l-konsegwenza legali u ovvja li temani minn dan in-nuqqas;

Forsi kien ikun il-każ li din il-Qorti titkellem mod ieħor kieku almenu ġie osservat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Awissu, 1992 u ċjoe` kieku oltre l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern l-appellanti ħadu ħsieb li jippubblikaw avviż adegwat f'atti konsekuttivi, f'żewġ ġurnali oħra, dejjem fit-termini ta' l-istess digriet. Invece ma jirriżultax illi huma għamlu dan u għalhekk illum iridu jbatu l-konsegwenzi ta' mhux biss in-nuqqas amministrattiv li evidentement

sar, imma anke tan-nuqqas tagħhom li abbinat man-nuqqas amministrattiv wassal biex sa għeluq is-sena mid-dħul ta' l-atti, l-istess atti ma ġewx konkjużi peress li kienet għadha ma saritx in-notifika neċessarja;

Din il-Qorti ma taqbilx li dan hu l-każ fejn l-appellanti qed isofru intortament għal nuqqas amministrattiv peress li kif ingħad hemm nuqqas tagħhom ukoll li kompla aggrava s-sitwazzjoni u inoltre, in-nuqqas amministrattiv bi ftit diliġenza seta' ġie newtralizzat u kien hemm żmien konsidervoli biex dan seta' jsir;

F'dawn it-termini għalhekk din il-Qorti bilfors trid tikkonkludi u f'dan ir-rigward qiegħda tiddisponi minn dan l-Appell, billi tiddeċidi illi minħabba n-nuqqas ta' notifika fi żmien sena previst mill-artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, mhux se tieħu aktar konjizzjoni tiegħu peress li din id-deżerzjoni hija operattiva *ope legis*. Hu appena neċessarju jingħad li l-ispejjeż relattivi ta' dan l-appell huma a karigu ta' l-istess appellanti;

Kwantu jirrigwarda l-appell inċidentali, peress li dan kien jiddependi mill-eżistenza ta' appell validu u llum permezz ta' l-istess eċċezzjoni ta' l-appellat l-appell prinċipali qed jiġi ddikjarat deżert, jaqa' wkoll l-istess appell inċidentali, li għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu. Hu appena u neċessarju wkoll jingħad li l-ispejjeż relattivi għal dan l-appell inċidentali jkunu a karigu ta' l-istess attur appellat.